

Rikors ippreżentat fil-11 ta' Awwissu 2017 – BEI vs Is-Sirja**(Kawża T-543/17)**

(2017/C 369/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrent: Bank Ewropew tal-Investment (rappreżentanti: P. Chamberlain, T. Gilliams, J. Shirran u F. de Borja Oxangoiti Briones aġenti, D. Arts, avukat u T. Cusworth, solicitor)

Konvenuta: Ir-Repubblika Għarbija Sirjana

Talbiet tar-Rikorrent

- għall-ħlas tas-somom kollha dovuti lill-UE skont l-Artikoli 3.01, 3.02, 4.01, 8.01 u 8.02 tal-Syrian Healthcare Loan Agreement fid-dritt tagħha ta' surroga li jinkludu:
 - EUR 62 646 209,04 u USD 3 582 381,15, l-ammont dovut lill-Unjoni Ewropea fid-9 ta' Awwissu 2017, li huwa kollu kapital, interessi u interessi moratorji kuntrattwali (dovuti mid-data dovuta sad-9 ta' Awwissu 2017);
 - interessi moratorji kuntrattwali ulterjuri, dovuti bir-rata annwali ugwali jew ogħla (għal kull perijodu suċċessiv ta' xahar) ta' (i) rata ugwali għar-rata EURIBOR miżjuda bi 2 % (200 punti bażiċi) (bl-eċċezzjoni tal-ħlasijiet kollha f'USD, rata ugwali għar-rata LIBOR miżjuda bi 2 % (200 punti bażiċi) tapplika) jew (ii) ir-rata fissa pagabbli skont l-Artikolu 3.01 miżjuda b'0,25 % (25 punti bażiċi), sal-pagament effettiv;
 - it-taxxi kollha applikabbli, dazji, drittijiet u spejjeż professjonali dovuti mid-data dovuta sal-pagament effettiv, inklużi l-ispejjeż relatati ma' din il-proċedura.
- Sussidjament għal (i), u jekk il-Qorti Ġenerali tiddeċiedi li l-Unjoni Ewropea ma hijiex surrogata fid-drittijiet tal-Bank Ewropew tal-Investment, il-ħlas tas-somom kollha dovuti lill-Bank Ewropew tal-Investment skont l-Artikoli 3.01, 3.02, 4.01, 8.01 u 8.02 tal-Syrian Healthcare Loan Agreement li jinkludu:
 - EUR 62 646 209,04 u USD 3 582 381,15, l-ammont dovut lill-Bank Ewropew tal-Investment fid-9 ta' Awwissu 2017, li huwa kollu kapital, interessi u interessi moratorji kuntrattwali (dovuti mid-data dovuta sad-9 ta' Awwissu 2017);
 - interessi moratorji kuntrattwali ulterjuri, dovuti bir-rata annwali ugwali jew ogħla (għal kull perijodu suċċessiv ta' xahar) ta' (i) rata ugwali għar-rata EURIBOR miżjuda bi 2 % (200 punti bażiċi) (bl-eċċezzjoni tal-ħlasijiet kollha f'USD, rata ugwali għar-rata LIBOR miżjuda bi 2 % (200 punti bażiċi) tapplika) jew (ii) ir-rata fissa pagabbli skont l-Artikolu 3.01 miżjuda b'0,25 % (25 punti bażiċi), sal-pagament effettiv;
 - it-taxxi kollha applikabbli, dazji, drittijiet u spejjeż professjonali dovuti mid-data dovuta sal-pagament effettiv, inklużi l-ispejjeż relatati ma' din il-proċedura.
- Fi kwalunkwe każ, għall-ħlas tal-ammont dovut lill-Unjoni Ewropea jew lill-Bank Ewropew tal-Investment, skont il-każ, għall-pagamenti li jkunu dovuti wara d-data ta' dan ir-rikors u li s-Sirja tonqos milli tħallashom, li jinkludu:
 - il-kapital kollu u l-interessi għal kull pagament;
 - interessi moratorji kuntrattwali ulterjuri, dovuti bir-rata annwali ugwali jew ogħla (għal kull perijodu suċċessiv ta' xahar) ta' (i) rata ugwali għar-rata EURIBOR miżjuda bi 2 % (200 punti bażiċi) (bl-eċċezzjoni tal-ħlasijiet kollha f'USD, rata ugwali għar-rata LIBOR miżjuda bi 2 % (200 punti bażiċi) tapplika) jew (ii) ir-rata fissa pagabbli skont l-Artikolu 3.01 miżjuda b'0,25 % (25 punti bażiċi), mid-data dovuta ta' kull pagament sad-data tal-pagament effettiv mis-Sirja.

— Għall-ħlas tal-ispejjeż kollha relatati ma' din l-istanza skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli ta' Proċedura.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinwoka motiv wieħed.

L-ewwel u l-uniku motiv ibbażat fuq li s-Sirja kisret l-obbligi kuntrattwali tagħha skont l-Artikoli 3.01 u 4.01 tal-Syrian Healthcare Loan Agreement sabiex tħallas il-pagamenti skont il-Syrian Healthcare Loan Agreement kif dovuti, u skont l-Artikolu 3.02 tal-Syrian Healthcare Loan Agreement li tħallas l-interessi moratorji fuq kull pagament dovut u mhux imħallas, dovut bir-rata annwali msemmija. Konsegwentement, is-Sirja hija kuntrattwalment obligata li tħallas l-ammonti kollha dovuti skont l-Artikoli 3.01, 3.02, 4.01, 8.01 u 8.02 tal-Syrian Healthcare Loan Agreement.

Rikors ippreżentat fil-5 ta' Awwissu 2017 – Imabe Ibérica vs SRB

(Kawża T-544/17)

(2017/C 369/40)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Imabe Ibérica, S.A. (Madrid, Spanja) (rappreżentant: C. Aguirre de Cárcer Moreno, avukat)

Konvenuta: Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni

Talbiet

— tilqa' dan ir-rikors kontra d-deċiżjoni SRB/EES/2017/08 tal-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni fis-sessjoni eżekuttiva tiegħu tas-7 ta' Ġunju 2017 li biha ġiet adottata l-iskema ta' riżoluzzjoni rigward l-istituzzjoni Banco Popular Español S. A, skont l-Artikolu 29 tar-Regolament (UE) Nru 806/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-15 ta' Lulju 2014, li jistabbilixxi regoli uniformi u proċedura uniformi għar-riżoluzzjoni tal-istituzzjonijiet ta' kreditu u ċerti ditti tal-investiment fil-qafas ta' Mekkaniżmu Uniku ta' Riżoluzzjoni u Fond Uniku għar-Riżoluzzjoni u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1093/2010; u li tippermetti aċċess preliminari għad-dokumentazzjoni sħiħa tal-fajl u l-possibbiltà li tagħmel talbiet addizzjonali, li tannulla jew tirrevoka d-deċiżjoni kkontestata, li tagħti lura lir-rikorrenti b'mod sħiħ l-effettività tad-drittijiet patrimonjali tagħha, filwaqt li tirrispetta r-rekwiżiti ta' kumpens sħiħ.

Motivi u argumenti prinċipali

Il-motivi u l-argumenti prinċipali huma simili għal dawk invokati fil-Kawżi T-478/17, *Mutualidad de la Abogacía u Hermandad Nacional de Arquitectos Superiores y Químicos vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-481/17, *Fundación Tatiana Pérez de Guzmán y Bueno u SFL vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-482/17, *Comercial Vascongada Recalde vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-483/17, *García Suárez et vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-484/17, *Fidesban et vs Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, T-497/17, *Sánchez del Valle u Calatrava Real State 2015 vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*, u T-498/17, *Pablo Álvarez de Linera Granda vs Il-Kummissjoni u Il-Bord Uniku ta' Riżoluzzjoni*.

Rikors ippreżentat fis-16 ta' Awwissu 2017 – Maña et vs SRB

(Kawża T-552/17)

(2017/C 369/41)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

Partijiet

Rikorrenti: Maña, S.L. (Teo, Spanja) u 113 rikorrent ieħor (rappreżentant: P. Rúa Sobrino, avukat)